*Iżda dan ma jfissirx li l-kittieba Maltin ġew f'tagħhom u ħadu dak li ħaqqhom, l-aktar bħala kumpens finanzjarju. Il-"Għaqda" ħabirket kemm felħet u bis-saħħa tagħha qiegħed ikun rikonoxxut aħjar ix-xogħol letterarju l-aktar wara li sar ftehim bejn il-"Għaqda" u r-Rediffusion fuq tariffa ġdida għall-ħlas tax-xandir ta' xogħlijiet letterarji. Imma għad baqa' ħafna biex l-awturi Maltin jibdew jirċievu dak li ħaqqhom għax-xogħol ta' ħsieb u sabar kbir tagħhom; għalhekk wieħed jittama li kemm l-awturi, kif ukoll il-qarrejja u fuq kollox dawk li għandhom sens patrijottiku, iqumu għalenija mill-bruda tagħhom u jitolbu u jeżiġu li x-xogħlijiet ta' siwi letterarju għandhom jaqilgħu kumpens xieraq lil min jiktibhom.*

*B'danakollu ma rridux ngħidu li l-kumpens letterarju biss qiegħed ifixkel il-Malti bħalissa. Il-lum għad fadal egħdewwa ta' lsienna; dawn ma għadhomx bħal dari jinqdew bl-arma taż-żebliħ u ta' l-insulti, iżda qegħdin jinqdew bl-arma ta' l-indifferenza, għodda li tmewwet. Jekk nies bħal dawn qatt ikunu f'qagħda ta' setgħa, jistgħu jagħmlu dannu bla tarf lill ilsien tagħna. Għalhekk jeħtieġ li ssir kampanja favur il-Malti: insemmgħuh, nitkellmu bih speċjalment f'ċerti ambjenti u naqraw kotba Maltin. L-istess kif bħala Nsara aħna suldati ta' Kristu hekk ukoll bħala Maltin għandna nkunu suldati ta' l-ilsien Malti.*

---

## KONTRIBUZZJONIJIET LETTERARJI
## F' "IL-MALTI"

**Hija dejjem xewqa tagħna li nippubblikaw f'IL-MALTI kull xorta ta' kitba, sew proża jew versi, li jkollhom xi valur letterarju—l-iktar ta' żgħażagħ bħala inkoraġġiment—iżda l-ewwelnett jixraq li nagħtu l-wisa' lil dawk li huma membri jew għallinqas imseħbin f'IL-MALTI.**

**Jixraq, għalhekk, li kull min soltu jikkontribwixxi b'kitba f'IL-MALTI, u jixtieq li l-kitba tiegħu tidher ma' dawk li huma wkoll membri jew imseħbin f'IL-MALTI, jagħmel sehem ukoll bħala sieħeb f'IL-MALTI, u b'hekk, barra milli jkun jikkontribwixxi moralment fil-pubblikazzjonijiet f'din ir-rivista, ikun qiegħed igħin finanzjarjament lill-"Għaqda" għall-istampa ta' IL-MALTI, il-lum li l-istampa tar-rivista qiegħda tiswielna wisq iktar mis-soltu.**



# LIL DUN MIKIEL XERRI

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Qalbieni fost il-kbar, xemx ta' dil-Gżira,
setgħan fil-ħsieb, fil-qalb, int biss ridt tkun
biex toħlom il-ħelsien ta' Malta lsira
u tfarrak il-qawwiet ta' Napuljun.

Għaġġibt l-egħdewwa b'dik l-imħabba kbira
li kellek lejn din l-Art. Int, b'qalb ta' ljun,
ħeġġiġt l-oħrajn, u l-art ħammret f'għadira
b'demmkom qalbieni, demm bin-nar magħġun.

Il-lum, fejn int iddejt bil-glorja tiegħek,
flok monument tad-deheb, kif jixraq lilek,
tara 'l Maltin fil-Karnival titmiegħek

bla ġieħ, bla qalb, fuq l-art li ħsilt bid-demm.
Malta li ftaħret bik insiet għemilek...
imm'Ismek ma jmut qatt, qatt ma jintemm!